MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 60

## 5 ta` Settembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill
Is-Sur Arthur Turner - Accountant tal-Kunsill

**ASSENTI B`APOLOĠIJA:**

Is-Sur John Boxall – Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Vici-Sindku, s-sur Trevor Mizzi qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### 60.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Il-Vici-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Sindku ma seghtax ikun ghal laqgha minhabba ragunjiet ta` xoghol.  Dawk prezenti laqu din it-talba.

### 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 58(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

Il-Vici Sindku talab sabiex jigi diskussi l-items l-aktar importanti tal-Agenda u b`hekk talab lill-Accountants tal-Kunsill sabiex jispjegaw ahjar il-*Quarterly Financial Report* minn Jannar sa` Gunju 2018.

### 60.3 Korrispondenza

60.3.1 Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi pprezenta l-programm tac-cerimonja ta` Jum il-Birgu 2018, fejn dan gie approvat minn dawk prezenti.

60.3.2 Gie pprezentat l-overtime tal-haddiema klerikali ghax-xahar ta` Lulju 2018, fejn dan gie approvat minn dawk prezenti.

### 60.4 Birgufest 2018;

Dan l-item ma giex diskuss.

### 60.5 Zvilupp ta` Post ta` Rikreazzjoni maghruf bhala Glaziz

Dan l-item ma giex diskuss.

## 60.6 Rapport Finanzjarju minn Jannar sa` Gunju 2018

Is-Sur Arthur Turner beda billi spjega lil dawk prezenti li ghal matul l-ewwel sitt xhur tas-sena il-Kunsill rega ghamel surplus, fejn l-ammont ta` dhul kien dak ta` €195,841 u l-hrug kien ta` €189,592, fejn b`hekk il-Kunsill kien ghamel surplus ta` €6,249. Is-Sur Turner kompla jispjega billi gibed ghal attenzjoni ta` dawk prezenti li l-aktar spejjez li kien hemm matul dawn l-ahhar tlett xhur jigifieri bejn April u Gunju kienu l-aktar fl-administration u fl-operations and maintenance fejn l-aktar spejjez kbar kienu l-aktar fis-servizz ta` gbir ta` skart u kif ukoll fl-upkeep and repairs. Is-Sur Turner kompla jispjega li matul dawn ix-xhur kien hemm ukoll zieda qawwija ta` spejjez relatati ma` safar fejn sahhaq li dan ghandu jigi kkontrollat aktar sabiex b`hekk il-Kunsill ikun f`pozizzjoni finanzjarja ahjar.

Is-Sur Turner spejga wkoll li l-Kunsill naqqas drastikament l-ammonti ta` kredituri, fejn jibqa` l-aktar dak ta` Saviour Mifsud, ghas-servizz tal-gbir ta` skart u knis.

Fuq rakkomandazzjoni tal-accountants tal-Kunsill, dawk prezenti qabblu u talbu sabiex fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss terga` tigi diskussa din is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

## 60.7 Decizjoni u approvazzjoni ta` tender tal-perit

Gie pprezentat l-evaluation report li sar mill-bord tal-evalwazzjoni ghas-servizz ta` perit mall-Kunsill Lokali Birgu. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li wara li l-bord ta` evalwazzjoni evalwa tlett offerti, huma rrakomandaw lill-Perit Mark John Scicluna ghax kien l-irhas offerta u *technically complaint*. Dawk prezenti qabblu unanimament mad-decizjoni tal-Bord.

**60.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Ma kienx hemm peress li s-Sindku ma kienx prezenti.

**60.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm.

**60.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevo Mizzi ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4339 sa` BOV 4368 u Bank Transfer. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 22 ta` Awwissu 2018 sal-5 ta` Settembru 2018.

**60.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha neqsin ghaxra ta` filghaxija (6.50pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 17 ta` Settembru 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum Tnejn 22 ta` Ottubru 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Trevor Mizzi<br>Vici- Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |